MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2010

Numru 686/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**vs**

**VINCENT LEMBI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Vincent Lembi ta' 21 sena iben Dowe u Goba Michel imwieled Bukina Faso, u residenti no. 3 'St. Mary', flat no. 4, Triq is-Serkin, Marsa, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 38596A.

U gie akkuzat talli gewwa Hal Qormi nhar is-6 ta' Lulju 2010 ghall habta tal-11:10 ta' filghodu, bil-hsieb li jaghmel

delitt, u cioe’ serq ta’ mutur ta’ l-ghamla Kymco Agility bin-numru tar-registrazzjoni GBF-734 li kien ipparkjat fil-parking area tal-Lowenbrua, Qormi wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jiskorri 1,164.69 euro, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ghad-detriment ta’ Etienne Baldacchino u/jew persuni ohra.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 6 tal-Process u innutat li l-imputat Vincent Lembi m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu tas-Seduta tallum l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(c) u (g), 267, 271(g) u 280(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Vincent Lembi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali netta tal-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat Vincent Lembi ghall-piena ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin millum l-imputat

Vincent Lembi jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Vincent Lembi l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------